MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Appell Civili Numru. 778/2007/1

**Mary Anne Borg u Philip, Alexander u Joanne Camilleri, ahwa Borg**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta’ Dicembru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat jirrifondilhom is-somma ta’ seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm750) (€1,747.03) rapprezentanti somma li l-konvenut indebitament esiga mill-atturi bhala hlas ta’ taxxa allegatament dovuta minghand l-istess

atturi in konnessjoni mal-kuntratt datat 28 ta' Settembru 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono (Dok. A) peress li din is-somma giet imhallsa mill-atturi lill-konvenut taht protesta, u liema somma ma kenitx dovuta peress li l-*causa* tal-kuntratt in kwistjoni ma kenitx tintitola lill-konvenut jesigi l-hlas ta' taxxa.  Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Gunju 2007, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn fl-ewwel lok, huwa ecepixxa l-intempestivita' ta' l-azzjoni odjerna stante illi hemm proceduri specifici li ma gewx intavolati mill-atturi quddiem il-Bord kompetenti; illi fit-tieni lok in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal sabiex jiehu konjizzjoni tat-talba ta' l-atturi; u illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.  Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.  Bl-ispejjes.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tieghu.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-atturi.

Sema t-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet fir-rigward ta' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta tad-9 ta' April 2008 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

**Ikkunsidra.**

Illi fir-risposta tieghu, gew sollevati zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminari mill-konvenut, u ghalhekk t-Tribunal ser jghaddi sabiex jezamina u jiddeciedi dwarhom. Dawn huma s-segwenti:-

1. L-intempestivita' tal-azzjoni odjerna stante li hemm proceduri specifici illi ma gewx intavolati mill-atturi quddiem il-Bord kompetenti; u
2. L-inkompetenza ta' dan it-Tribunal biex jiehu konjizzjoni tat-talba attrici.

Illi dawn iz-zewg eccezzjonijiet huma intrinsikament konnessi u ghalhekk dan it-Tribunal deherlu li ghandhom jigu decizi permezz ta' sentenza wahda.

Illi in vista tan-natura teknika tal-ligi li tirrigwarda l-kawza odjerna, u cioe l-ligi fiskali, l-partijiet ipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet ferm dettaljati, u dan it-Tribunal studja bir-reqqa dak kollu li gie sottomess mill-partijiet.

Illi fir-rigward ta' l-eccezzjoni ta' l-intempestivita' ta' l-azzjoni odjerna, l-konvenut isosnti li l-atturi l-ewwel kellhom jezawrixxu l-mezzi li taghtihom il-ligi specjali biex joggezzjonaw ghall-hlas ta' taxxa minnhom mitluba qabel ma jirrikorru ghal dan it-Tribunal biex jitolbu r-rifuzjoni ta' taxxa minnhom imhallsa.

Skond it-tezi tal-konvenut, kienet saret likwidazzjoni tat-taxxa dovuta mill-atturi fl-ammont ta' seba mija u hamsin lira Maltin (Lm750). Kien ghalhekk proprju f'dak l-istadju li jekk ma kienux qedin jaccettaw jew jaqblu mal-likwidazzjoni, l-atturi kellhom isegwu l-procedura specjali prevista fl-Artikolu 56 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi kellhom joggezzjonaw ghal tali likwidazzjoni. L-istess procedura taghti lok biex fin-nuqqas ta' ftehim, l-atturi setghu appellaw quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali a tenur tal-Artikolu 58 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti

u Trasferimenti. Skond il-konvenut, l-atturi naqsu milli joggezzjonaw kif titlob il-ligi u naqsu li jmorru quddiem il-Bord fuq imsemmi u minnflok hallsu l-ammont likwidat. Issa permezz ta’ din il-kawza qedin jitolbu li dan it-Tribunal jordna r-rifuzjoni tat-taxxa minnhom imhallsa.

Skond il-konvenut, l-azzjoni tal-atturi f’din il-kawza hija intempestiva, peress illi l-atturi l-ewwel kellhom joggezzjonaw ghall-ammont ta’ taxxa minnhom mitluba, u jsegwu l-procedura specifika ta’ oggezzjoni kif provduta fl-Att dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti qabel ma jirrikorru ghar-rifuzjoni tat-taxxa minnhom imhallsa quddiem dan it-Tribunal.

Minn-naha taghhom pero, l-atturi qedin jsostnu li ma kien hemm l-ebda likwidazzjoni tal-ammont tat-taxxa dovuta minnhom, izda minnflok, meta n-Nutar tal-atturi mar sabiex jirregistra l-kuntratt in kwistjoni, l-konvenut irrifjuta li jirregistrah jekk ma kienx ser isir il-hlas ta’ l-ammont ta’ taxxa minnu pretiza, u ghalhekk l-atturi kienu kostretti li jhallsu dan l-ammont. Fil-fatt ghamlu hekk ‘*under protest’*.

Jidher ghalhekk li l-qofol tal-kwistjoni hija t-tifsira u l-implikazzjoni tal-kelma *likwidazzjoni* ta’ taxxa dovuta.

L-atturi jsostnu li ma kien hemm l-ebda likwidazzjoni tat-taxxa u ghalhekk ma kienux gew skattati c-cirkostanzi li kellhom iwasslu ghal oggezzjoni u decizjoni mill-Bord. B’hekk skond huma ghandhom ragun jitolbu r-rifuzjoni permezz tal-kawza odjerna.

Dan l-argument pero ma jreggix ghaliex ma jistax jinghad li ma kienx hemm ‘likwidazzjoni’ tat-taxxa dovuta. Fil-fatt, dan it-Tribunal jidhirlu li l-ammont ta’ taxxa dovuta giet likwidata proprju f’dak il-mument meta l-atturi saru jafu li l-konvenut kien

qieghed jezigi l-hlas ta’ l-ammont ta’ Lm750 minghandhom. Ghalhekk it-Tribunal ma jaqbilx ma l-atturi meta jghidu li ma kien hemm l-ebda likwidazzjoni. Il-fatt li l-atturi hassew li kienu kostretti li jhallsu t-taxxa dak il-hin stess ma jfissirx li ghal fini tal-ligi l-ammont ta’ taxxa ma kienx gie likwidat.

Illi oltre dan, it-Tribunal jidhirlu li hija biss allegazzjoni da parti tal-atturi li kienu kostretti jhallsu t-taxxa immedjatament ghaliex inkella l-kuntratt ma kienx ser jigi registrat. Fil-fatt ma gew prodotti l-ebda provi konkreti in sostenn ta’ dan.

Illi jaghmel sens li min jixtieq joggezzjona ghal impozizzjoni ta’ taxxa, jkun jista’ jaghmel hekk quddiem Bord ta’ Kummissarji Specjali (a tenur tal-Artikolu 58 tal-Kap 364), liema Bord ghandu l-mezzi u l-kompitu specjali li jiddetermina kwistjonijiet ta’ materja daqshekk teknika u komplikata. Jidher pero li l-atturi qabzu dan l-istadju u permezz ta’ din il-kawza qedin jitolbu li dan it-Tribunal jiddeciedi proprju dwar jekk din it-taxxa kellhiex tigi imposta jew le – u cioe qedin jitolbu li dan it-Tribunal jaghmel dak li kellu jintalab li jaghmel il-Bord fuq imsemmi.

Illi in vista ta’ dan, it-Tribunal jidhirlu li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut, u cioe li dan it-Tribunal m’huwiex kompetenti sabiex jiehu konjizzjoni tat-talba attrici, huwa ben risaput li meta tezisti ligi specjali, ghandha tapplika tali ligi specjali u mhux dik generali.

F’dan il-kaz partikolari, l-Att Dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti jaghti kompetenza lill-Bord ta’ Kummissarji Specjali sabiex jiddeciedi dwar jekk tali taxxa kellhiex tigi imposta u mhallsa jew le, u ghalhekk gjaladarba hemm Bord krejat apposta biex jiddeciedi u jinterpreta l-ligijiet fiskali

f'dan l-ambitu, dan it-Tribunal ma jistax jiddeciedi hu.

Illi fil-fatt il-ligi specjali taghti kompetenza lill-Bord ta' Kummissarji Specjali sabiex jiddeciedi dwar l-interpretazzjoni tal-ligi fiskali kif kontenuta fil-Kap 364 u biex jikkonferma, jnaqqas, izid jew jannullla l-likwidazzjoni ta' taxxa li tkun giet imposta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Bhala rizultat ta' dan, m'huwiex kompitu ta' dan it-Tribunal li jidhol f'din il-materja u jippronunzja ruhu dwar l-istess.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li t-tieni eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha wkoll.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut, u ghalhekk jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza."

L-atturi appellaw minn din is-sentenza biex jitolbu r-revoka taghha. Huma jikkontedu b'mod sintetiku dan li gej:-

i. Il-Kummissarju ma hareg ebda stima jew avviz ta' likwidazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 54 tal-Kapitolu 364;

ii. Il-procedura quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali ghat-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti hi prevista meta ma tkunx thallset it-taxxa kollha dovuta u mhux meta qed tigi kontestata taxxa gja mhallsa;

iii. In bazi ghas-sostanza tal-kawza minnhom imressqa impernjata fuq l-arrikkiment indebitu, l-Artikolu 58 (4) tal-Kapitolu 364 ma jeskludix il-kompetenza tat-Tribunal adit;

iv. Il-Bord imsemmi mhux kompetenti li jisma' kazijiet dwar talba ghar-rifuzjoni lura tat-taxxa prevvist mill-Artikolu 62 tal-Kapitolu imsemmi, anke ghaliex il-procedura stabbilita mill-Artkolu 56 ta' l-istess Kapitolu ma tapplikax ghal dawk il-kazijiet;

Il-punt legali li fuqu sar l-appell jirrigwarda certament l-interpretazzjoni ta’ certi disposizzjonijiet ta’ l-Att ta’ l-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, u dik ta’ l-applikabilita` taghhom ghall-fatti konkreti tal-kaz;

Fit-termini tal-kwestjoni kif prospettata mill-appellanti, il-Qorti jkollha b’necessita logika titlaq mill-previzjoni tal-ligi fl-Artikolu 54 ta’ l-Att u li jipprovdi illi “il-Kummissarju ghandu jara li jigi notifikat lill-persuna li jkollha thallas it-taxxa jew lir-rapprezentanti legali ta’ dik il-persuna, avviz li juri l-ammont ta’ taxxa li ghandha tithallas skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Att ...”.  It-Tribunal irraguna illi fil-kaz prezenti l-likwidazzjoni tat-taxxa saret fl-istess mument li l-atturi saru jafu li l-konvenut kien qieghed jesigi l-hlas tat-taxxa li, skond hu, kienet hekk dovuta.  L-appellanti jikkontestaw dan ghaliex isostnu illi mhux biss ma saret l-ebda likwidazzjoni izda, ukoll, tali likwidazzjoni ma saretx skond il-modalita` espressament mahsuba mil-ligi u fil-forma bil-miktub;

Fuq dan il-punt il-Qorti tissofferma biex taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

1. L-artikolu predett tal-ligi ragonevolment jissinjifika illi saret stima jew likwidazzjoni ta’ taxxa u li din giet servuta lill-persuna notifikanda, li tista’ tkun il-persuna obbligata ghall-hlas jew ir-rapprezentant legali taghha. Ghal dik li hi notifikazzjoni din tista’ ssir jew personalment jew permezz tar-registrazzjoni postali (Artikolu 61).  Ukoll wiehed ghandu ghalxiex jissupponi illi dik l-istima saret bil-miktub;

2. Issa, fil-fattispeci, l-atti ma jindikawx illi saret xi likwidazzjoni f’dik il-forma.  Minn naha l-ohra l-istess atti tal-kawza jindikaw illi dik l-istess likwidazzjoni, ukoll jekk mhux kif bil-miktub, giet notifikata personalment lir-rapprezentant legali ta’ l-attur u li din giet accettata minnu, tant li ghadda biex wera l-ammont tat-taxxa dovut

(Lm750) fl-Avviz ta' Trasferiment Inter Vivos, ippreparat u sottofirmat minnu (fol. 13). F'kull kaz, ma jistax jonqos li jigi osservat illi skond l-Artikolu 55 ta' l-Att, "likwidazzjoni ghandha ghall-finijiet kollha ta' dan l-Att titqies li saret mill-Kummissarju fid-data tan-notifika ta' l-imsemmi avviz". Huwa veru li fuq dak l-istess Avviz *inter vivos* hemm rimarkat "*under protest*" izda dan, se mai, ghandu konnessjoni mal-fattur hlas u mhux ukoll mal-kwestjoni centrali hawn involuta u li, kif sewwa ravvizat mill-appellanti, tikkoncerna l-punt ta' x'proceduri setghu jew messhom, ittiehdu u l-kompetenza tat-Tribunal adit dwaru. Fic-cert, l-atti processwali ma jurux u ma jispjegawx l-allegazzjoni ventata mill-atturi illi l-kuntratt relattiv ma kienx ser jithalla jigi registrat jekk ma jsirx il-hlas dovut tat-taxxa. Dan qed jigi rilevat ghaliex hadd mill-partijiet ma xehed u l-ebda prova testimonjali ma giet prodotta. Fic-cirkustanzi l-appellanti ma jistghux ilumu lit-Tribunal fejn dan stabilixxa illi l-allegazzjoni ma kellhiex is-sostenn tal-provi;

4. Premess dan, ghandu jinghad illi l-precitat Artikolu 54, kif sostanzjat ukoll bl-Artikolu 55, m'ghandux jinqara izolatament wahdu izda ghandu jigi inkwadrat fil-kumpless tad-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi, relattivi u affini, senjatament dawk li jirreferu ghall-kontestazzjoni tal-likwidazzjoni u tal-proceduri rilevanti ghal kaz fejn il-kontestazzjoni jew l-oggezzjoni ma tkunx accettata mill-Kummissarju. Proprju l-Artikoli 56 u 58 jenuncjaw l-principji li l-persuna obbligata ghall-hlas kellha b'rigur tadotta f'qaghda konsimili, in kwantu, fin-nuqqas, dik il-likwidazzjoni li hi naqset milli tikkontesta titqies "finali u konkluziva ghall-finijiet kollha ta' dan l-Att" (Artikolu 60);

5. B'kull rispett dovut, il-ligi ma tistax tigi interpretata fil-mod kif ghogobhom jaffrontawha l-appellanti anke ghaliex is-sens interpretativ li jinzel mill-provvedimenti varji ta' l-Att skond il-kriterju logiku-storiku volut u persegwit mil-legislatur ma setax ma jkunx dak intenzjonat illi l-kazijiet ekwivalenti prevvisti mil-ligi fiskali specjali jigu trattati u valutati bl-istess mod ugwali. Ta' min forsi jissottolineja illi fost l-awturi dan il-kriterju hu llum proprjament definit bhala objettiv-teleologiku.

Opportunement ukoll, f'dan il-kuntest ma jkun qatt zejjed li tigi hawnhekk riportata l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Superjuri illi "anke l-kelma tal-ligi kellha tigi interpretata fl-isfond tas-sens kollu tad-disposizzjoni taht ezami u kif din tinkwadra fl-ispirtu tal-legislazzjoni shiha. Principji dawn li japplikaw fl-interpretazzjoni ta' kull disposizzjoni ta' dritt u li japplikaw aktar u aktar f'materja ta' legislazzjoni fiskali". Ara "**L. & A. Camilleri Ltd -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", 5 ta' Ottubru, 2001;

6. Osservazzjoni finali li jokkorri li ssir hi din. Kif taraha din il-Qorti, ukoll jekk l-appellanti hallsu "*under protest*" ma kien hemm xejn x'izommhom lura, anzi forsi wkoll b'egwal forza ghal dik l-istess raguni, milli jikkontestaw il-likwidazzjoni tal-Kummissarju bid-debita oggezzjoni (Artikolu 56) u, ultimament, permezz ta' gravam devolut lill-Bord fit-termini ta' l-Artikolu 58 ta' l-Att. Bord dan, wara kollox, appozitament krejat, b'kompetenza specjali biex jistharreg u jepura kwestjonijiet ta' natura teknika-fiskali, u biex jaghmel apprezzament gust taghhom fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli ghalihom. F'dan ma hemm xejn gdid li ma nsibux ukoll f'ligijiet fiskali ohra, bhal dawk tal-VAT u ta' l-Income Tax;

Stabbilit il-premess, l-appellanti jissottomettu wkoll illi f'kull kaz gjaladarba huma qeghdin jitolbu r-radd lura tat-taxxa, xorta wahda dak il-Bord ma kienx hekk kompetenti li jokkupa ruhu minn kwestjoni bhal din. Biex isahhu dan l-argoment taghhom huma jikkonnettu ruhhom ghad-dispost ta' l-Artikolu 62 ta' l-Att li proprju jahseb fid-diversi ipotesijiet tieghu ghal hlas lura tat-taxxa;

Bi twegiba ghal dan l-argoment huwa floku illi anke hawn, biex l-artikolu msemmi jaghmel sens, irid jigi rigwardat u interpretat fil-kwadru generali tal-ligi u tar-regolamenti applikabbli. Huwa utli li fl-ewwel lok jigi osservat illi, kif diga rilevat aktar 'il fuq, fl-assenza ta' oggezzjoni jew ta' appell lil Bord, il-likwidazzjoni hi meqjusa bhala finali u konkluziva. Johrog imbaghad, mill-istess Artikolu 60 illi l-ligi takkorda b'danakollu, dritt diskrezzjonali lill-

Kummissarju illi jkun jista' johrog likwidazzjoni addizzjonali kif ukoll li jaghti hlas lura jew li jaghmel aggustament skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 62. Mhux lanqas eskluz skond l-inciz (2) ta' dan l-ahhar imsemmi artikolu illi t-talba ghar-rifuzjoni tista' ssir ukoll mit-*taxpayer*;

Issa mill-korp ta' l-appell l-appellanti donnhom jinferixxu in bazi ghar-Regolamenti (364.06) u in partikolari Regolament 9 (2) (b), illi l-espressjoni "f'kazijiet meta ma ghandha tithallas ebda taxxa" timplika ad ezempju qaghda fejn il-persuna tinduna bi zball fl-istima wara li jkun ghalaq it-terminu ta' l-oggezzjoni f'liema kaz is-sitwazzjoni ma tattirax l-applikabilita ta' l-Artikolu 56. Huma jissottomettu wkoll illi l-imsemmi Regolament 9 bil-komparizzjoni li tinzel bejn l-inciz (1) u l-inciz (2) tieghu, jiprospetta qaghda fejn tkun saret stima u dik l-ohra fejn ma tkunx saret. B'dan huma jridu jfissru illi l-legislatur ried ikopri dawk il-kazijiet fejn ghal xi raguni jew ohra ma kienux jaqghu taht l-Artikolu 54 u, konsegwentement ukoll, ma kienux jattiraw lejhom il-gurisdizzjoni tal-Bord specjali;

Ma' dan ir-ragonament, tenut rigward tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz prezenti, din il-Qorti rispettosament ma taqbelx. Dan ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:-

1. Ankorke id-distinzjoni li jaghmlu l-appellanti dwar ir-Regolament 9 kellha titqies valida, fil-kaz prezenti din l-istess distinzjoni ma tiggjovax lill-appellanti in kwantu l-istima saret, giet servuta u wkoll thallset, anke jekk taht protesta;

2. F'kull kaz dak li jinghad mill-appellanti lanqas ma jidher li ghandu sostanza jew konsistenza mal-ligi. Hu difatti provvdut fis-subinciz (4) ta' l-Artikolu 62 illi "ebda haga li hemm f'dan l-artikolu ma ghandha titqies jew tithaddem sabiex tigi qabel jew tidhol minflok id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 56 ta' dan l-Att", u kif diga osservat l-artikolu ta' l-ahhar jirreferi proprju ghal kontestazzjoni permezz ta' oggezzjoni ta' l-istima u fejn ghandhom jinghataw r-ragunijiet ghall-oggezzjoni. Li

jfisser illi meta *a tempo debito* l-appellanti hassew ruhhom aggravati u hallsu *under protest*, huma kien messhom adoperaw ir-rimedju tal-*objection*;

3. Jikkonsegwi minn dan, fil-fehma tal-Qorti, illi biex l-Artikolu 62 u r-regolamenti tahtu jaghmlu sens logiku u guridiku l-istess ghandhom jigu interpretati fil-qafas unitarju tal-ligi u partikolarment ma’ l-artikolu li in linea generali jitratta mid-dritt ta’ appell moghti mil-ligi lill-persuna tenuta ghall-hlas mid-decizjoni tal-Kummissarju (Artikolu 58);

4. Jista’ s’intendi jaghti l-kaz illi kif spjegat fl-ezempju provvdut mill-istess appellanti l-persuna tinduna li sar zball fl-istima izda, jekk inhu hekk, fuq ir-riflessjoni tal-Qorti hi ghandha dejjem tirrikorri lill-Bord biex dan jiddetermina jekk l-istima tikkontjenix verament kaz genwin ta’ zball, jew ta’ kwalsiasi imprevedibilita ohra li talvolta tigi dedotta. Dan anke kieku stess ghall-iskop ta’ xi pretensjoni ghar-rifuzjoni dovuta, in kwantu anke dan hu kopert bid-disposizzjonijiet rilevanti meta kombinat mal-bqija tal-ligi. Del resto, qaghda bhal din ma hi xejn differenti minn dak mahsub f’ligijiet fiskali ohra, ukoll fil-kaz ta’ materji rigwardanti talbiet ghal rifuzjoni ta’ taxxa, ghax anke dawn huma hekk rizervati ghal konsiderazzjoni minn bordijiet specjali, sija dak tal-Kummissarji Specjali taht l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, sija jekk mill-Bord ta’ l-Appelli taht l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. A propozitu, bl-illustrazzjoni f’dan l-ahhar kaz, ara sentenza fl-ismijiet “**Longbow Ltd -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**”, 11 ta’ Gunju, 2001.

Ghal motivi kollha fuq esposti din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal li laqa’ l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju konvenut, bl-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu fic-cirkustanzi specjali ta’ dan il-kaz bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------